

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-29 ta' Novembru 2007 —
Il-Kummissjoni vs Spanja**

(Kawża C-6/07)

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2002/74/KE — Protezzjoni ta’
l-impjegati — Insolvenza ta’ min iħaddem”

*Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-
Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-
iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt
9)*

Suġġett

Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-
dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Parlament
Ewropew u tal-Kunsill Nru 2002/74/KE, tat-23 ta’ Settembru 2002, li temenda d-
Direttiva tal-Kunsill Nru 80/987/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta’ l-Istati
Membri li għandhom x’jaqsmu mal-protezzjoni ta’ l-impjegati fil-każ ta’ l-insolvenza
ta’ min iħaddimhom (ĠU L 270, p. 10).

Dispożittiv

- 1) Billi naqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi,
regolamentari u amministrattivi kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu
mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2002/74/KE, tat-23
ta’ Settembru 2002, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill Nru 80/987/KEE dwar
l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta’ l-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu mal-
protezzjoni ta’ l-impjegati fil-każ ta’ l-insolvenza ta’ min iħaddimhom, ir-
Renju ta’ Spanja naqas mill-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva.
- 2) Ir-Renju ta’ Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.